MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Rikors Kongunt Numru. 591/2013

Kawza fil-lista: 25

**Rikors Konguntiv ta' A B u C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt fit-3 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew u talbu hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-27 ta' Mejju 1988, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li ghadhom minorenni;

Illi l-partijiet isseparaw legalment b' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Victor John Bisazza fil-25 ta' April 2002;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-partijiet talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li z-zewg rikorrenti kkonfermaw bil-gurament taghhom ir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Rat li r-rikors thalla ghallum ghad-digriet finali;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## **< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------